**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU TNEJN U ERBGĦIN**

**28 ta' OTTUBRU 2013**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda l-laqgħa.

**42.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

42 .1.1 Fir-rigward ta' punt 41.1.1 il-Kumitat qabel li jekk ix-xogħol mitlub li jsir mill-kumpanija Koptasin, ma jsirx sa bħal-lum ġimgħa, x-xogħol jiġi kkanċellat u ordnat mingħand kuntrattur ieħor.

42.1.2 Fir-rigward ta' punt 41.1.1 is-Segretarju Eżekuttiv ġiet mistoqsija x'sar fuq il-bore holes li kellhom isiru fi Vjal l-Indipendenza. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol ordnat.

42.1.3 Fir-rigward ta' punt 41.1.6 kien hemm qbil li tintbagħat ittra lil sid il-palazz ta' Misraħ Santa Marija f'Bubaqra, fejn jiġi nfurmat li l-Kumitat Amministrattiv qabel li jerġa jitwaħħal bank li kien hemm, qabel ma saret il-manutenzjoni fil-faċċata tal-palazz. Għandu jiġi nfurmat ukoll li hekk kif il-binja tkun abitabbli l-Kumitat Amministrattiv lest li jerġa jneħħi l-bank

imsemmi.

42.1.4 Fir-rigward ta' punt 41.4.1 il-membru Joseph Caruana nforma li x-xogħol ta' patching ma tkomplix.

42.1.6 Fir-rigward ta' punt 41.3.1 ġiet diskussa l-email li l-Għaqda Karmelitana u Banda QV bagħtet lill-Kunsill Lokali fir-rigward tal-attivita' li l-Kumitat Amministrattiv għamel fit-28 ta' Settembru.

Il-membru Annetto Bugeja qal li l-Kumitat Amministrattiv kien avviċina liż-żewġ għaqdiet tal-baned fiż-Żurrieq biex jistaqsi għall-għajnuna tagħhom, fl-attivita' kulturali, li kien qed jaħdem għaliha l-istess Kumitat. Ir-risposta tal-Għaqda Karmelitana u Banda QV, kienet fin-negattiv. Il-membru Annetto Bugeja beda jaħdem ma' rappreżentanti tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina u wara ftit kien ġie nfurmat li jekk il-Kumitat kellu l-ħsieb li jagħmel l-attivita' f'Ġunju (fid-data oriġinarjament proposta), huma ma kienux ser ikomplu jagħtu l-għajnuna tagħhom minħabba mpenji oħra. Membri tas-Soċjeta' pproponow data f'Lulju, imma l-Kumitat Amministrattiv ma qabilx minħabba kunflitt ta' interess mal-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Għalhekk il-Kumitat Amministrattiv ippospona d-data għal Settembru. Il-membru Annetto Bugeja qal li l-iscouts taż-Żurrieq ukoll kienu ser jagħtu sehemhom, imma minħabba mpenji oħra li kellhom, kellhom iħassru l-għajnuna tagħhom lill-Kumitat Amministrattiv. Hu żied jgħid li kienu diġa saru ħafna preparamenti u xogħol qabel ma ġiet posposta d-data, għalhekk ma setgħax jitwaqqaf kollox, u jerġa jitlob l-għajuna ta' għaqda oħra. Il-Kumitat Amministrattiv ħass li ma setgħax iħassar ftehim li kellu mas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina u jerġa jibda kollox mill-bidu.

Kien hemm qbil fuq dan kollu li qal il-membru Annetto Bugeja.

42.1.7 Il-Minuti tas-seduta numru 41 ġew approvati.

### *42.2 Komunikazzjoni miċ-Chairperson*

42.2.1 Il-membru Joseph Caruana ġibed l-attenzjoni fuq żewġ *bollards* li għamel resident fi Triq Santu Rokku,

minħabba li vetturi qed jagħmlulu l-ħsara mal-faċċata tar-residenza tiegħu. Hu qal li hemm bżonn li l-Kumitat Amministrattiv jitlob permess lil Transport Malta biex tali bollards ikunu bil-permess.

Kien hemm qbil li jekk Transport Malta ma tagħtix permess għal tali *bollards*, dawn għandhom jitneħħew u minflok jintalab permess biex isir *yellow line* tul it-triq kollha, minħabba d-djuq tat-triq u minħabba li residenti qed isibuha diffiċli li jidħlu fil-garaxxijiet tagħhom, minħabba vetturi oħra li jkunu pparkjati.

42.2.2 Fir-rigward ta' email li l-Kumitat Amministrattiv irċieva mingħand resident li jrid li jsiru linji sofor fil-ġnub tal-garaxxijiet. Kien hemm qbil li jsiru tali linji.

42.2.3 Fir-rigward tal-iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali 2013-2014 – Memo 25/2013, kien hemm qbil li għal din is-sena ukoll tintbagħat ittra lill-għaqdiet taż-Żurrieq biex jgħatu s-suġġerimenti tagħhom għal-attivita' kulturali f'Bubaqra. Id-data tal-iskadenza ta' sottomissjonijiet tal-applikazzjoni jintlaqgħu sad-19 ta' Novembru, 2013 sa' nofsinhar.

42.2.4 Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jinforma lis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina biex tieħu ħsieb l-għarmar tal-Milied hi din is-sena.

42.2.5 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ħeġġeġ lill-membri biex jaħsbu fuq sponsors li joffru l-għajnuna għall-party tal-Milied għat-tfal ta' Bubaqra.

Iċ-Chairperson informa ukoll li r-writeups għal-Leħen Bubaqra ser jinġabru sal-laqgħa li jmiss.

42 .2.6 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni fuq petizzjoni li rċieva l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, biex isiru parking bays fi Triq Nardu Sacco. Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv iżomm mal-prinċipju tiegħu li ma jagħmilx parking bays ġodda f'Bubaqra, imma jgħamel linji sofor fil-ġnub tal-garaxxijiet hekk kif titlob il-liġi. Tali linji ġew ordnati.

## *42.3 Ilmenti u Suġġerimenti*

42.3.1 Il-membru Joseph Caruana qal li hemm bżonn isir rapport lill-Korporazzjoni għas-servizzi tal-ilma, biex jaraw li t-tapieri tad-drenaġġ li jinsabu fi Triq Ħal Far,

Triq Santa Marija u Vjal l-Indipendenza biex issirilhom il-manutenzjoni meħtieġa, ħalli ma jagħmlux ħsara fit-toroq.

42.3.2 Il-Viċi Chairperson Marija Schembri staqsiet biex jitwaħħlu tabelli biex ma jintefgħax skart f'art li hemm fi Triq il-Qiegħa. Il-membru Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li jsiru *yellow lines* madwar l-art ta' Triq il-Qiegħa.

Il-Viċi Chairperson Marija Schembri qalet li hemm bżonn li ssir bankina fi Triq Fortunato Dalli fejn hemm plot vojta.

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

***42.4 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

42.4.1 Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta 19 ta' Novembru 2013 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa intemmet b'dan il-punt fuq l-aġenda.

Konfermati, illum ___ ta' Novembru, 2013.

| | |
|---|---|
| Pierre Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |